ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 221

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

19 ta' Awwissu 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 818/2008 tat-13 ta' Awwissu 2008 li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2074/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jittermina l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti minn dak ir-Regolament permezz ta' importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli kkunsinjati mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le** 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 819/2008 tat-18 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni** [1] 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 821/2008 tat-18 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1362/2000 rigward il-ftuħ ta' kwota tariffarja tal-Komunità għall-banana li toriġina fil-Messiku** 23

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 822/2008 tat-18 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 817/2008 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Awwissu 2008 25

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/676/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Lulju 2008 li tawtorizza metodi għall-klassifika ta' karkassi ta' majjali fil-Bulgarija** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3740)* 28

2008/677/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2006/784/KE fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' metodu għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal fi Franza** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3803)* 30

2008/678/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Awwissu 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/716/KE fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 4319)* [1] 32

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

2008/679/ĠAI:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Lulju 2008 dwar l-attribuzzjoni ta' għotjiet għal azzjonijiet għat-traduzzjoni u l-ittestjar ta' modulu ta' stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni fil-Programm Speċifiku "Il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda Kontra l-Kriminalità" bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet** 34

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 818/2008

tat-13 ta' Awwissu 2008

li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2074/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jittermina l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti minn dak ir-Regolament permezz ta' importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli kkunsinjati mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri eżistenti

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 119/97 [2], il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi li jvarjaw minn 32,5 % sa 39,4 % fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli ("RBMs") li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"). Dawn ir-rati tad-dazju kienu applikabbli għall-RBMs minbarra dawk li fihom 17 jew 23 anell, waqt li l-RBMs li fihom 17 u 23 anell kienu suġġetti għal dazju ugwali għad-differenza bejn il-prezz minimu ta' importazzjoni ("MIP") ta' EUR 325 għal kull 1 000 biċċa u l-prezz frank fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, kull meta dak ta' l-aħħar huwa anqas mill-MIP.

(2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2100/2000 [3], il-Kunsill emenda u żied d-dazji msemmija għal ċerti RBMs minbarra dawk ta' 17 jew 23 anell, wara l-investigazzjoni skond l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. Id-dazji emendati jvarjaw minn 51,2 % għal 78,8 %.

(3) Wara investigazzjoni għar-reviżjoni ta' l-iskadenza ("ir-reviżjoni") skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 [4], estenda l-miżuri anti-dumping preżenti għal erba' snin.

(4) Fl-1 ta' Lulju 2004, wara investigazzjoni kontra l-evażjoni skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1208/2004 [5] il-Kunsill estenda l-miżuri għall-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mill-Vjetnam.

(5) Fl-24 ta' Diċembru 2004, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2231/2004 [6], il-Kummissjoni itterminat investigazzjoni kontra l-evażjoni li tikkonċerna l-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mit-Tajlandja minħabba li skopriet li kien hemm produzzjoni ġenwina ta' RBMs fit-Tajlandja li tiġġustifika l-100 % ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità mit-Tajlandja matul il-perjodu ta' investigazzjoni definit għal dik l-investigazzjoni.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
[2] ĠU L 22, 24.1.1997, p. 1.
[3] ĠU L 250, 5.10.2000, p. 1.
[4] ĠU L 359, 4.12.2004, p. 11.
[5] ĠU L 232, 1.7.2004, p. 1.
[6] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 68.

(6) Fit-12 ta' Jannar 2006, wara investigazzjoni kontra l-evażjoni skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, il-Kunsill permezz tar-Regolament (KE) Nru 33/2006 [1] estenda l-miżuri għal importazzjonijiet ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos.

(7) Fis-6 ta' Diċembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1434/2007 [2] ("ir-Regolament inizjali"), il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 2074/2004 permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mit-Tajlandja, sew jekk kemmxejn modifikati jew le u sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja jew le, u permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu RBMs kemmxejn modifikati u li għamel it-tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni.

1.2. **Rikjesta**

(8) L-investigazzjoni kontra l-evażjoni bdiet fuq il-bażi ta' rikjesta, iddepożitata mill-Alleanza ta' l-Anelli Ringbuchtechnik GmbH, li kien fiha biżżejjed evidenza prima facie li kien hemm evażjoni tal-miżuri anti-dumping permezz ta' modifika żgħira tal-prodott ikkonċernat sabiex jaqa' taħt il-kodiċi doganali li normalment mhumiex suġġetti għall-miżuri u li l-modifika ma tbiddilx il-karatteristiċi essenzjali tal-prodott ikkonċernat. Barra dan, ir-rikjesta kien fiha biżżejjed evidenza prima facie li kien hemm evażjoni tal-miżuri anti-dumping permezz ta' trasbord tal-prodott ikkonċernat li jgħaddi mit-Tajlandja, jekk kemmxejn modifikat jew le.

1.3. **Il-Prodott ikkonċernat**

(9) Il-prodott ikkonċernat huwa, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 2074/2004, ċertu RBMs preżentament klassifikabbli fil-kodiċi NM ex 8305 10 00. Dawn l-RBMs jikkonsistu minn żewġ folji ta' l-azzar rettangolari jew wajers li fihom ta' mill-anqas erba' nofs anelli magħmulin minn wajer ta' l-azzar imwaħħla fuqhom u li jinżammu flimkien minn għatu ta' l-azzar. Dawn jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew billi wieħed juża grillu magħmul mill-azzar imwaħħal ma' l-RBM.

1.4. **Investigazzjoni**

(10) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-RPĊ u tat-Tajlandja, il-produtturi/esportaturi fit-Tajlandja u fir-RPĊ u l-importaturi fil-Komunità magħrufin mill-Kummissjoni dwar il-bidu ta' l-investigazzjoni. Ġew mibgħuta xi kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi fit-Tajlandja u r-RPĊ u lill-importaturi fil-Komunità. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jitolbu proċess fil-limitu ta' żmien stabbilit fir-Regolament inizjali.

(11) Produttur/esportatur wieħed fit-Tajlandja, il-produttur esportatur Ċiniż relatat u l-kumpanija prinċipali bbażata f'Ħong Kong issottomettew tweġiba għal kwestjonarji l-istess bħal produttur esportatur Ċiniż ieħor flimkien mal-kumpanija prinċipali tiegħu bbażata f'Ħong Kong. Tweġibiet għall-kwestjonarju ġew sottomessi wkoll minn sitt importaturi fil-Komunità. Il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifikazzjoni fil-postijiet tal-kumpaniji li ġejjin:

— Thai Stationery Industry Co. Ltd., it-Tajlandja ("TSI"),

— Wah Hing Stationery Manufactory Limited, Ħong Kong, (WHS),

— Wah Hing Stationery Manufactory Limited, Pan Yu Shi, Guangzhou, RPĊ,

— World Wide Stationery Manufacturing Co. Ltd., Ħong Kong,

— Donghguan Humen Nanzha World Wide Stationery Manufacturing Co. Ltd., RPĊ.

1.5. **Perjodu ta' investigazzjoni**

(12) Il-perjodu ta' investigazzjoni kien ikopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2006 sat-30 ta' Settembru 2007 ("IP"). Inġabret *data* mill-2004 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiġi investigata l-bidla fis-sitwazzjoni ta' l-iskambju kummerċjali ("il-perjodu investigat").

2. **RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI**

2.1. **RBMs kemmxejn modifikati**

2.1.1. *Karatteristiċi essenzjali*

(13) L-investigazzjoni stabbiliet li wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw kien qed jipproduċi RBMs kemmxejn modifikati. Il-modifika kienet tikkonsisti minn tibdil tal-forma rettangolari tal-folji bl-użu ta' folji ċċanfrinati li għandhom indentazzjonijiet u permezz tal-qtugħ ta' materjal mit-truf tal-folji sabiex il-forma tagħhom ma tibqax rettangolari. Li tiċċanfra tfisser li tqatta' kanal fil-folja fil-forma ta' kolonna. Dawn it-tipi ta' prodotti partikolari ġew identifikati fis-suq tal-Komunità bħala "wave blade" RBMs.

(14) Ġie stabbilit ukoll li din il-modifika tal-prodott ikkonċernat kienet qed tippermetti lill-importaturi fil-Komunità jikklassifikaw dawn it-tipi ta' prodotti taħt il-Kodiċi TARIC li mhumiex suġġetti għall-miżuri, b'mod partikolari l-Kodiċi TARIC 8305 10 00 90 li kien jeżisti sakemm daħal fis-seħħ ir-Regolament li inizjali.

[1] ĠU L 7, 12.1.2006, p. 1
[2] ĠU L 320, 6.12.2007, p. 23.

(15) Il-kwistjoni jekk il-modifika msemmija fil-premessa (13) kinitx tbiddel jew le l-karatteristiċi essenzjali tal-prodott ikkonċernat ġiet imbagħad investigata. F'dan ir-rigward, ġie skopert li l-RBMs kemmxejn modifikati huma biss kemmxejn differenti fil-forma tal-folji, iżda dik il-modifika ma tbiddilx il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti kkonċernati. Fil-fatt, l-RBM kemmxejn modifikat jibqa' jikkonsisti minn żewġ folji li fih mill-anqas erba' nofs anelli mwaħħlin fuqhom u jkompli jżommhom flimkien għatu ta' l-azzar. Is-sistemi ta' ftuħ ukoll jibqgħu l-istess peress li ż-żewġ prodotti jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew permezz ta' grillu.

(16) Barra dan, kien hemm xi tibdiliet żgħar fil-folji minħabba li dawn altrimenti kienu jipperikolaw l-funzjonament proprju ta' l-RBMs kemmxejn modifikati f'termini tal-forzi tat-tensjoni u ta' l-adeżività.

(17) Huwa mfakkar li numru kbir (diversi mijiet) ta' tipi differenti ta' RBMs li jvarjaw f'numru ta' karatteristiċi bħall-wisa' tal-bażi, it-tip ta' mekkaniżmu, in-numru ta' anelli, is-sistema ta' ftuħ, eċċ, huma preżenti fis-suq tal-Komunità. Dawn it-tipi kollha ta' RBMs kienu madankollu kkunsidrati bħala prodott wieħed fl-investigazzjonijiet preċedenti, minħabba li kien ġie skopert li t-tipi kollha għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u li l-biċċa l-kbira huma interkambjabbli. Fl-istess mod, din id-differenza pjuttost żgħira fid-dehra ta' l-RMBs instabet li ma kinitx suffiċjentement differenti sabiex tiġġustifika konstatazzjoni ta' prodotti bħal dawn differenti. Għal-daqstant ġie konkluż li l-RBMs kollha jikkostitwixxu prodott wieħed għall-iskop ta' din l-investigazzjoni.

(18) Fuq il-bażi ta' dak imsemmi ġie konkluż li l-prodotti kemmxejn modifikati b'folji ċċanfrinati għandhom jiġu koperti mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, minħabba li din il-modifika ma bidlitx il-karatteristiċi essenzjali tiegħu.

2.1.2. *Bidla fis-sitwazzjoni ta' l-iskambju kummerċjali*

(19) L-importazzjonijiet fil-Komunità ta' l-RBMs kemmxejn modifikati bdew fl-2003 wara li bdiet l-investigazzjoni għar-reviżjoni ta' l-iskadenza tal-miżuri applikabbli fuq l-importazzjonijiet ta' l-RBMs li joriġinaw mir-RPĊ.

(20) Dan it-tip ta' RBM ġie ddisinjat fuq it-talba ta' operatur fil-Komunità u, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, l-importazzjonijiet bdew fit-tieni nofs ta' l-2003. Il-livelli ta' importazzjoni identifikati matul l-investigazzjoni kurrenti huma dawk li ġejjin: 3,8 miljun biċċa jew approssimament 234 tunnellata fl-2004, 2,7 miljun biċċa jew approssimament 166 tunnellata fl-2005, 4,3 miljun biċċa jew approssimament 262 tunnellata fl-2006 u 2,7 miljun biċċa jew 167 tunnellata fil-perjodu ta' l-investigazzjoni (li jirrappreżentaw 1 % mill-konsum tal-Komunità).

(21) Fid-dawl ta' dak t'hawn fuq, huwa kkunsidrat li kien hemm bidla fis-sitwazzjoni ta' l-iskambju kummerċjali ta' l-RBMs kemmxejn modifikati esportati minn prodottur esportatur Ċiniż li kkoopera lejn il-Komunità matul il-perjodu investigat.

2.1.3. *Nuqqas ta' raġuni ġusta u ġustifikazzjoni ekonomika*

(22) Kif innotat hawn fuq, l-investigazzjoni stabbiliet li l-modifiki li saru lill-prodott ikkonċernat kienu żgħar ħafna. Ġie skopert ukoll li ċertu ffrankar fl-użu tal-materji primi prinċipali li seta' jsir minħabba l-operazzjoni ta' ċanfrinazzjoni, kien ta' importanza żgħira (madwar 2 %). Barra dan, kwalunkwe ffrankar fil-konsum tal-materji primi kien il-biċċa l-kbira bbilanċjat mill-ispejjeż għall-addattament tal-makkinarju qabel ma beda l-proċess ta' produzzjoni tal-folji ċċanfrinati.

(23) Ġie skopert ukoll li l-bejgħ tal-prodott kemmxejn modifikat kien biss lill-Komunità u kien essenzjalment lill-operatur li għalih ġie ddisinjat il-prodott. Dan ifisser li l-RBMs kemmxejn modifikati għandhom essenzjalment xerrej wieħed mad-dinja kollha.

(24) Barra dan, il-grupp ta' kumpaniji li jifforma parti minnhom il-produttur esportatur Ċiniżi ma jipproduċux wave blade RBMs fis-sussidjarja Tajlandiża. Ġie ddikjarat mir-rappreżentanti tat-TSI f'dan ir-rigward, li ma kien hemm l-ebda domanda għat-tali tipi, minħabba li l-RBMs li joriġinaw mit-Tajlandja m'humiex suġġetti għall-miżuri anti-dumping.

(25) Fid-dawl ta' dak t'hawn fuq, jista' jiġi konkluż li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika minbarra l-impożizzjoni ta' dazju anti-dumping għall-bidla fl-istruttura tal-kummerċ bejn il-produttur esportatur Ċiniż u l-Komunità li toriġina mill-prattika tal-modifika żgħira tal-prodott ikkonċernat.

2.1.4. *Kompromess ta' l-effetti rimedjali tad-dazju f'termini tal-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet ta' prodotti bħal dawn*

(26) Fuq il-bażi ta' l-analiżi tal-fluss tal-kummerċ kif hawn fuq stabbilit, ġie skopert li l-bidla fis-sitwazzjoni ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità hija konnessa mal-fatt li kien hemm miżuri anti-dumping diġà stabbiliti. Waqt li l-importazzjonijiet ta' l-RBMs kemmxejn modifikati kienu assenti fis-suq tal-Komunità qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, dawn kienu jammontaw għal 234 tunnellata fl-2004, għal 166 tunnellata fl-2005, għal 262 tunnellata fl-2006 u għal 167 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jirrapreżentaw 1 % mill-konsum tal-Komunità.

(27) L-investigazzjoni stabbiliet li l-importazzjonijiet ta' l-RBM's kemmxejn modifikati mir-RPĊ saru għal livelli ta' prezzijiet taħt il-prezz ta' esportazzjoni u ferm anqas mill-valur normali stabbilit fir-reviżjoni.

(28) Fid-dawl tas-suespost, ġie konkluż li l-bidla fil-flussi tal-kummerċ, flimkien mal-prezz ta' esportazzjoni baxx b'mod anormali, ikkompromettiet l-effetti ta' rimedjazzjoni tal-miżuri anti-dumping kemm f'termini tal-kwantitajiet u kemm tal-prezzijiet tat-tali prodotti.

2.1.5. *Evidenza ta' dumping relatat mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għal prodotti bħal dawn jew simili*

(29) Skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ġiet eżaminata l-kwistjoni dwar jekk kienx hemm evidenza ta' dumping relatata mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għat-tali prodott. F'dan ir-rigward, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' l-RBMs kemmxejn modifikati mill-produttur esportatur Ċiniż matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġew paragunati mal-valuri normali stabbiliti fir-reviżjoni għal tipi ta' prodotti paragunabbli. Fil-paragun, it-tipi ta' prodotti differenti ġew determinati skond il-wisa' tal-bażi, it-tip ta' mekkaniżmu, in-numru ta' anelli, is-sistema ta' ftuħ u t-tul.

(30) Għall-iskop ta' paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, konċessjoni xierqa, fil-forma ta' aġġustamenti, ingħatat għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabilità tal-prezzijiet, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(31) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun tal-valur normali tal-medja mwieżna kif stabbilit fir-reviżjoni u l-prezz ta' esportazzjoni tal-medja mwieżna stabbilit matul l-IP, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, stabbilixxa li kien hemm dumping 'il fuq mil-limitu de minimis.

2.2. **Trasbord allegat vija t-Tajlandja**

(32) TSI, l-uniku esportatur ta' l-RBMs fit-Tajlandja, ġiet stabbilita fl-1998, jiġifieri sena wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping fuq ċertu RBMs mir-RPĊ. Il-kumpanija hija sussidjarja ta' WHS, kumpanija kummerċjali ta' l-RBMs ibbażata f'Ħong Kong li għandha wkoll impjant ta' produzzjoni ta' l-RBMs fir-RPĊ. Kif instab fl-investigazzjoni kontra l-evażjoni preċedenti, ġie stabbilit li l-esportazzjonijiet ta' TSI lill-Komunità fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu jiġġustifikaw il-100 % ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità mit-Tajlandja kif stabbilit mill-Eurostat. Fuq din il-bażi, fl-assenza ta' kwalunkwe evidenza kontrarja, ġie konkluż li t-TSI kien l-uniku esportatur ta' RBMs fit-Tajlandja.

(33) L-investigazzjoni stabbiliet li matul is-snin 2004, 2005, 2006 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, it-TSI ipproduċiet RBMs mill-materji primi prinċipali (jiġifieri folji ta' l-azzar irromblati f'kolji u wajer ta' l-azzar irromblat f'kolji). Barra dan, ġie skopert li l-kwantità ta' materja prima importata mit-TSI kienet suffiċjenti biex tiġi prodotta l-kwantità ta' RBMs esportati lill-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni, imma wkoll fis-snin tal-perjodu investigat. B'hekk, ġie konkluż li t-TSI kellha tiġi kkunsidrata bħala produttur ġenwin ta' ċertu RBMs. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ġie ikkunsidrat li t-trasbord ta' RBMs vija t-Tajlandja ma sarx matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(34) Barra dan, l-investigazzjoni ma rrivelatx li xi RBMs kemmxejn modifikati ġew prodotti u esportati mit-TSI lill-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(35) Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, ġie ikkunsidrat ukoll li l-kumpanija investigata ma laħqitx il-kriterju stabbilit f' Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, minħabba li t-TSI m'hijiex operazzjoni ta' assemblaġġ. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 13(2) bħala *lex specialis* għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

3. **MIŻURI**

(36) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet ta' evażjoni msemmija fis-sens ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jiġu estiżi għal RBMs kemmxejn modifikati li joriġinaw mill-istess pajjiż.

(37) F'dan ir-rigward, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 se tiġi emendata sabiex testendi l-miżuri għal ċertu RBMs kemmxejn modifikati.

(38) Skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jistipulaw li kwalunkwe miżuri estiżi se jiġu applikati fuq l-importazzjonijiet irreġistrati mid-data ta' reġistrazzjoni, id-dazju anti-dumping se jinġabar fuq l-importazzjonijiet kollha ta' RBMs li jikkonsistu f'żewġ folji ta' l-azzar jew wajers li fihom ta' mil-lanqas erba' nofs anelli magħmulin minn wajer ta' l-azzar imwaħħlin fuqhom u li jinżammu flimkien minn għatu ta' l-azzar u li jistgħu jinfetħu jekk wieħed jiġbed in-nofs anelli jew bi grillu żgħir magħmul mill-azzar imwaħħal fuq il-mekkaniżmu tal-fajls ta' l-anelli, minbarra dawk diġà identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8305 10 00 (kodiċi TARIC ex 8305 10 00 32 u ex 8305 10 00 39) li daħlu fil-Komunità taħt ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament oriġinali.

4. **TMIEM TA' L-INVESTIGAZZJONI KONTRA T-TAJLANDJA**

(39) Fid-dawl tas-sejbiet dwar it-Tajlandja, l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mit-Tajlandja għandha tiġi terminata.

5. **ŻVELAR**

(40) Il-partijiet kollha kkonċernati ġew informati dwar il-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment li kien jissuġġerixxi tibdil fil-konklużjonijiet imsemmija,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2074/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti mekkaniżmi tal-fajls ta' l-annelli kklassifikati fil-kodiċi NM ex 8305 10 00 li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli għandhom jikkonsistu f'żewġ folji ta' l-azzar jew wajers li fihom ta' mill-anqas erba' nofs anelli magħmulin mill-azzar imwaħħlin fuqhom u li jinżammu flimkien b'għatu ta' l-azzar. Dawn jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew billi wieħed juża grillu żgħir magħmul mill-azzar imwaħħal mal-mekkaniżmu tal-fajls ta' l-anelli.";

(2) Fil-punt (a) ta' l-Artikolu 1(2), il- kodiċi TARIC "8305 10 00 35" għandu jiżdied mal-Kodiċi TARIC fil-parentesi.

(3) Fil-punt (b) ta' l-Artikolu 1(2), il-kodiċi TARIC "8305 10 00 34" għandu jiżdied mal-Kodiċi TARIC fil-parentesi.

Artikolu 2

Id-dazju għandu jinġabar minn fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1434/2007 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ta' mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli li jikkonsistu f'żewġ folji ta' l-azzar jew wajers li fihom ta' mill-anqas erba' nofs anelli magħmulin mill-azzar imwaħħlin fuqhom u li jinżammu flimkien b'għatu ta' l-azzar u li jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew billi wieħed juża grillu żgħir magħmul mill-azzar imwaħħal mal-mekkaniżmu tal-fajls ta' l-anelli, minbarra dawk identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8305 10 00 (kodiċi TARIC applikabbli sa l-20 ta' Awwissu 2008: ex 8305 10 00 32 u ex 8305 10 00 39) u joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Artikolu 3

L-investigazzjoni li nbdiet mir-Regolament (KE) Nru 1434/2007 dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 2074/2004 fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli kkonsenjati mit-Tajlandja, jekk humiex dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja jew le, u li jagħmel it-tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni, b'dan qiegħda tiġi terminata.

Artikolu 4

L-awtoritajiet tad-dwana qegħdin b'dan jiġu ordnati biex ma jkomplux bir-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet stabbiliti skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1434/2007.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Awwissu 2008.

F'isem il-Kunsill

Il-President

B. KOUCHNER

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 819/2008

tat-18 ta' Awwissu 2008

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

[2] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 590/2008 (GU L 163, 24.6.2008, p. 24).

ANNESS

il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MK	27,9
	XS	26,9
	ZZ	27,4
0707 00 05	MK	27,4
	TR	77,6
	ZZ	52,5
0709 90 70	TR	89,8
	ZZ	89,8
0805 50 10	AR	80,1
	UY	62,9
	ZA	98,1
	ZZ	80,4
0806 10 10	EG	100,0
	IL	87,5
	TR	123,4
	ZZ	103,6
0808 10 80	AR	83,7
	BR	86,9
	CL	98,4
	CN	81,2
	NZ	101,2
	US	95,1
	ZA	81,1
	ZZ	89,7
0808 20 50	AR	126,0
	CL	83,0
	TR	147,6
	ZA	102,2
	ZZ	114,7
0809 30	MK	34,9
	TR	154,5
	ZZ	94,7
0809 40 05	IL	138,3
	TR	106,0
	XS	70,3
	ZZ	104,9

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 820/2008

tat-8 ta' Awwissu 2008

li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li, meta meħtieġ, tadotta miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-istandards bażiċi komuni tas-sigurtà fl-avjazzjoni fil-Komunità kollha. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 ta' l-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni [2] kien l-ewwel att li jistabbilixxi miżuri bħal dawn.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 622/2003 kien emendat 14-il darba mill-adozzjoni tiegħu. Għal finijiet ta' ċarezza u razzjonalità, huwa f'loku li l-emendi kollha jkunu kkonsolidati f'Regolament ġdid.

(3) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 jipprovdi li l-miżuri ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(2) ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu sigrieti u ma għandhomx ikunu ppubblikati meta jirrigwardaw kriterji ta' prestazzjoni u testijiet għall-approvazzjoni ta' tagħmir, proċeduri dettaljati dwar informazzjoni sensittiva jew kriterji dettaljati għall-eżenzjoni minn miżuri ta' sigurtà. Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 622/2003 jipprovdi li l-miżuri ta' implimentazzjoni stipulati fl-Anness għalih għandhom ikunu sigrieti, ma għandhomx ikunu ppubblikati u għandhom jitqiegħdu biss għad-dispożizzjoni ta' persuni bl-awtorizzazzjoni dovuta minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni. Emendi sussegwenti għar-Regolament (KE) Nru 622/2003 stipulaw li din id-dispożizzjoni għandha tapplika għal emendi tali.

(4) Biex ittejjeb it-trasparenza tal-miżuri ta' implimentazzjoni li adottathom sallum skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, il-Kummissjoni rrivediet il-miżuri fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 622/2003, kif emendat suċċessivament, fid-dawl tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002. Ir-reviżjoni wriet li bosta minn dawk il-miżuri ma għandhomx għalfejn jibqgħu sigrieti, u li għaldaqstant għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(5) Madankollu, jibqa' essenzjali li jinżammu sigrieti ċerti miżuri li l-kxif tagħhom jista' jiffaċilita l-evitar tagħhom u t-twettiq ta' atti ta' interferenza illegali. Miżuri bħal dawn jinkludu, b'mod partikolari, ċerti proċeduri dettaljati, u eżenzjonijiet minnhom, rigward it-tgħarbil ta' vetturi li jidħlu f'żoni ristretti ta' sigurtà, it-tiftix ta' l-inġenji ta' l-ajru u tal-passiġġieri, it-trattament ta' passiġġieri li jikkawżaw disturb, it-tgħarbil ta' bagalji ta' l-istiva mhux akkumpanjati u ta' bagalji ta' l-istiva bl-użu ta' Sistemi għar-Rilevament ta' l-Isplussivi u l-kontroll talmerkanzija u l-posta, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tagħmir ta' tgħarbil. Dawn il-miżuri għandhom ikunu adottati separatament, permezz ta' deċiżjoni indirizzata lill-Istati Membri kollha.

(6) Fid-dawl ta' valutazzjoni tar-riskju lokali, għandha tkun permessa distinzjoni bejn ajruporti differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa bl-ajruporti li huma kkunsidrati li jippreżentaw riskju iżgħar.

(7) Għandhom jiġu permessi wkoll miżuri ta' l-implimentazzjoni li jvarjaw skond it-tip ta' l-attività tat-titjir. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tiġi mgħarrfa meta jiġu applikati miżuri kumpensatorji sabiex jiġu żgurati l-livelli ekwivalenti tas-sigurtà.

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ċivili,

[1] ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 849/2004 (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 1).

[2] ĠU L 89, 5.4.2003, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 358/2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 5).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għan

Dan ir-Regolament jistipula miżuri għall-implimentazzjoni u l-adattament tekniku ta' l-istandards bażiċi komuni li jirrigwardaw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni li għandhom jiddaħħlu fil-programmi nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu t-tifsiriet li ġejjin:

— "Programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili" għandu jfisser ir-regolamenti, il-prattiki u l-proċeduri adottati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, biex jiżguraw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili fit-territorju tagħhom,

— "Awtorità xierqa" għandha tfisser l-awtorità nazzjonali ddeżinjata minn Stat Membru skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 biex tkun responsabbli għall-koordinament u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

Artikolu 3

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 4

Metodi u proċessi tekniċi ġodda

1. L-Istati Membri jistgħu jippermettu metodu jew proċess tekniku għall-kontrolli tas-sigurtà li jintuża minflok dawk stipulati fl-Anness, bil-kundizzjoni li:

(a) ikun qed jintuża għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni ta' mod ġdid kif jitwettaq il-kontroll ikkonċernat, u

(b) mhuwiex sejjer jaffettwa ħażin il-livell globali ta' sigurtà li jintlaħaq.

2. Talanqas erba' xhur qabel ma jkun ippjanat li jiddaħħal, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-miktub dwar il-metodu jew il-proċess li jkun bihsiebu jsegwi, filwaqt li jinkludi valutazzjoni ta' kif sejjer jiggarantixxi li l-applikazzjoni tal-metodu jew il-proċess il-ġdid sejjer jissodisfa r-rekwiżit tal-punt (b) tal-paragrafu 1. In-notifika għandu jkun fiha wkoll informazzjoni dettaljata dwar il-lokazzjoni(jiet) fejn se jintuża l-metodu jew il-proċess u t-tul previst tal-perjodu ta' valutazzjoni.

3. Jekk il-Kummissjoni lill-Istat Membru tagħtih risposta pożittiva, jew jekk ma tasal l-ebda risposta fi żmien tliet xhur mill-wasla tat-talba bil-miktub, l-Istat Membru jkun jista' jippermetti li jiddaħħal il-metodu jew il-proċess il-ġdid.

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx sodisfatta li l-metodu jew il-proċess il-ġdid propost jipprovdi biżżejjed garanziji li l-livell globali tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni sejjer jinżamm fil-Komunità, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru b'dan fi żmien tliet xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, filwaqt li tispjega t-tħassib tagħha. F'tali ċirkustanza, l-Istat Membru kkonċernat ma għandux jibda bil-metodu jew il-proċess sakemm ma jkunx issodisfa lill-Kummissjoni.

4. Il-perjodu massimu ta' valutazzjoni għal kull metodu jew proċess tekniku għandu jkun 18-il xahar. Il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu ta' valutazzjoni b'massimu ta' 12-il xahar ieħor, bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għall-estensjoni.

5. F'intervalli ta' mhux aktar minn 6 xhur matul il-perjodu ta' valutazzjoni, l-awtorità xierqa fl-Istat Membru kkonċernat għandha tagħti lill-Kummisjsoni rapport dwar il-progress li jkun sar fil-valutazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar ir-riżultati tar-rapport dwar il-progress.

6. L-ebda perjodu ta' valutazzjoni ma għandu jkun itwal minn 30 xahar.

Artikolu 5

Notifika

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub dwar l-ajruporti kollha li fir-rigward tagħhom ħadu l-opportunità ta' l-għażla permessa jew taħt il-punt (a) jew il-punt (c) ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

Artikolu 6

Miżuri kumpensatorji

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miktub dwar il-miżuri kumpensatorji li jkunu applikati skond il-punt 4.2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

Artikolu 7

Ir-Regolament (KE) Nru 622/2003 huwa rrevokat.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni
Antonio TAJANI
Viċi President

ANNESS [1]

1. **DEFINIZZJONIJIET**

Flimkien mad-definizzjonijiet stipulati fl-anness tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1.1. "A.C.A.M.S" tfisser Sistema ta' Kontroll ta' l-Aċċess u tal-Monitoraġġ ta' l-Allarm li għandha tikkontrolla elettronikament l-aċċess għall-bibien, gradi u punti tad-dħul oħra li jwasslu direttament jew indirettament għal żoni ristretti ta' sigurtà, u li għandha tallarma lill-awtorità rilevanti meta jseħħ dħul mhux awtorizzat;

1.2. "Utent ta' ajruport" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika responsabbli għall-ġarr tal-passiġġieri, posta u/jew merkanzija bl-ajru minn, jew lejn, l-ajruport ikkonċernat, kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE [2];

1.3. "Ground handling" tfisser is-servizzi pprovduti għall-utenti ta' l-ajruporti fl-ajruporti kif deskritt fl-Anness għad-Direttiva 96/67/KE;

1.4. "trasportatur ta' l-ajru" tfisser impriża tat-trasport bl-ajru b'liċenzja valida għall-operat, li tkun attiva f'operazzjonijiet bl-ajru.

1.5. "Service Panel" tfisser punt estern ta' aċċess għal inġenju ta' l-ajru li jintuża għall-forniment ta' servizzi fuq l-inġenji ta' l-ajru; punti ta' dan it-tip jinkludu l-konnessjonijiet fuq l-art ta' l-ilma, tat-tojlits u ta' l-elettriku u kompartiemtni oħra tas-servizz li jkollhom panewijiet esterni li jagħlqu bi klipp;

1.6. "Inġenju ta' l-ajru li mhux fis-servizz" tfisser inġenju ta' l-ajru li huwa pparkjat għal perjodu ta' aktar minn 12-il siegħa jew li mhux taħt biżżejjed sorveljanza biex jinqabdu każijiet ta' aċċess mhux awtorizzat.

2. **SIGURTÀ FL-AJRUPORT**

2.1. **Rekwiżiti ta' Ppjanar fl-Ajruport**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

2.2. **Kontroll ta' l-Aċċess**

2.2.1. *Żoni ristretti ta' sigurtà u Żoni Airside Oħrajn*

1. L-awtorità rilevanti għandha tiżgura li l-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà jkun ikkontrollat:

   Fejn żoni mhux ristretti ta' sigurtà li jkunu maġenb, u jippermettu aċċess għal, żoni ristretti ta' sigurtà, għandhom jiġu stabbiliti konfini u kontrolli li jippermettu r-rilevament ta' aċċess mhux awtorizzat u biex jittieħdu miżuri xierqa.

2. L-awtorità rilevanti li tawtorizza l-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandha tiżgura li l-istaff kollha b'aċċess għal dawn iż-żoni jeżegwixxi miżuri stretti tal-kontroll ta' l-aċċess. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu:

   (a) persunal b'identifikazzjoni ta' l-ajruport għall-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà għandhom ikunu familjari mal-forom ta' identifikazzjoni maħruġa mill-ajruport u dawk approvati iżda li ma jinħarġux mill-ajruport, u fejn dawn ikunu validi għall-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà;

   (b) il-membri tal-persunal għandhom iwaqqfu jew jirrappurtaw lill-awtorità rilevanti l-persuni kollha f'żoni ristretti ta' sigurtà li ma jurux identifikazzjoni valida;

   (ċ) il-membri tal-persunal għandhom iwaqqfu jew jirrappurtaw lill-awtorità rilevanti l-vetturi kollha mhux awtorizzati li jaraw f'żoni ristretti ta' sigurtà.

---

[1] Dan l-Anness isegwi l-istess struttura u numerazzjoni bħall-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002. Fejn dan ir-Regolament ma jipprovdi l-ebda dispożizzjoni għall-implimentazzjoni jew l-adattament tekniku ta' l-istandards bażiċi komuni, dan ikun indikat espliċitament taħt l-intestatura korrispondenti.

[2] ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36.

3. L-awtorità rilevanti fil-programm nazzjonali tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili għandha tiżgura li l-karti ta' l-identifikazzjoni fl-ajruporti li jippermettu l-aċċess għal żoni ristretti ta' sigurtà jkunu kkontrollati kif ġej:

   (a) il-karti ta' l-identità fl-ajruport għandhom jillimitaw l-aċċess tal-persunal għal dawk iż-żoni skond kif meħtieġ għal xogħolhom biss;

   (b) malli jintemm jew jinbidel l-istatus tax-xogħol ta' impjegat, il-karta ta' l-identità tiegħu tiegħu fl-ajruport għandha tintradd lura lill-awtorità ta' l-ajruport u tinqered;

   (ċ) id-detentur jeħtieġlu jinforma immedjatament lil min iħaddmu u lill-awtorità li toħroġ il-karta dwar it-telfien jew is-serq tal-karta ta' identità fl-ajruport. Wara n-notifika il-karta ta' identità fl-ajruport għandha tiġi invalidata minnufih.

4. L-awtorità xierqa għandha tiżgura li l-bibien ta' aċċess li jintużaw għal skopijiet ta' żbark biss, li jippermettu l-aċċess għar-rampa jew żoni ristretti ta' sigurtà għandhom jibqgħu miftuħin biss matul il-proċess ta' żbark.

5. Il-punti ta' kontroll fejn isir it-tgħarbil tas-sigurtà għandhom jitħarsu minn gwardji jew tagħmir ta' sorveljanza adegwat, għad-deterrenza u l-prevenzjoni ta' dgħajfien tas-sigurtà fil-punti ta' kontroll għas-sigurtà tad-dħul u ħruġ, u biex il-protezzjoni tiġi estiża għall-persunal involut fil-proċess ta' tgħarbil.

6. Materjali maħżuna f'żoni ristretti tas-sigurtà u f'żoni airside oħra li jintużaw għall-finijiet ta' l-ipproċessar tal-passiġġieri u tal-bagalji għandhom ikunu protetti, jew ikunu taħt is-sorveljanza l-ħin kollu biex ma jitħalliex li jkun hemm aċċess mhux awtorizzat. Il-materjali mormija għandhom jinqerdu biex ikun żgurat li ma jintużawx minn persuni mhux awtorizzati.

   Sistemi għall-kontroll tat-tluq u sistemi għaċ-check in fl-ajruporti għandhom ikunu kkontrollati biex ma jitħalliex li jkun hemm aċċess mhux awtorizzat.

   Iċ-check-in magħmul mill-passiġġier innifsu u alternattivi applikabbli ta' l-internet għall-użu mill-passiġġieri għandhom jitqiesu bħala aċċess għal tali materjali jew sistemi.

2.2.2. *Żoni tat-Terminal*

Ir-rekwiżiti stipulati fil-punt 2.2.1.6 għandhom japplikaw ukoll għaż-żoni tat-terminal li huma miftuħa għall-pubbliku.

2.2.3. *Żoni Pubbliċi Oħra*

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

2.3. **Tgħarbil ta' staff, oġġetti fuq il-persuna u vetturi**

2.3.1. *Tgħarbil tal-persunal u l-oġġetti ttrasportati*

Il-persunal tas-sigurtà jista jirrifjuta d-dħul f'żona ristretta ta' sigurtà lil kwalunkwe membru tal-persunal li jkollu fuqu oġġett li jikkawża thassib.

2.3.2. *Tgħarbil ta' vetturi*

1. Il-vetturi għandhom ikunu eżaminati biex ikunu rilevati oġġetti pprojbiti u persuni mhux awtorizzati.

2. Is-sewwieq jew kull okkupant ieħor tal-vettura ma għandux ikun fil-vettura meta jsir l-eżami.

2.3.3. *Proċeduri ta' sikurezza għall-provvisti ta' likwidi u boroż li juru kull tbagħbis*

Id-dispożizzjonijiet ġenerali

1. "Provvisti ta' likwidi" għandhom jiġu kkunsidrati bħala likwidi għall-bejgħ fi ħwienet li jinstabu jew f'żona airside lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti ta' l-imbarkazzjoni jew f'żona ristretta ta' siġurtà, mill-ewwel ilqugħ tagħhom fl-airside sa meta jaslu fil-ħwienet bħal dawn.

2. "Provvisti ta boroż li juru kull tbagħbis" għandhom ikunu kkunsidrati bħala boroż li juru kull tbagħbis li jinsabu f'żona airside lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati il-karti ta' l-imbarkazzjoni, mill-ewwel ilqugħ tagħhom fl-airside sa l-użu finali tagħhom.

Kontrolli tal-provvisti

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

Il-fornitur magħruf

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

Boroż li juru kull tbagħbis

3. Il-provvisti ta' boroż li juru kull tbagħbis għandhom jintbagħtu f'pakketti li juru kull tbagħbis lil ħwienet li jinstabu f'żona airside lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti ta' l-imbarkazzjoni.

4. Wara li jaslu fi ħwienet bħal dawn u sa l-użu finali tagħhom, il-provvisti ta' boroż li juru kull tbagħbis għandhom jitħarsu minn intereferenza mhux awtorizzata.

2.4 **Sigurtà fiżika u għassa mobbli**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

3. **SIGURTÀ TA' L-INĠENJI TA' L-AJRU**

3.1. **Tiftix u kontroll ta' l-inġenji ta' l-ajru**

It-trasportatur bl-ajru għandu jiżgura li l-persunali jwettaq tiftix u kontrolli ta' sigurtà fuq l-inġenji ta' l-ajru jkun familjari mat-tip ta' inġenju ta' l-ajru li jkun qed jiġi kkontrollat u li jkun ġie mħarreġ biżżejjed fit-twettiq ta' attivitajiet bħal dawn.

3.1.1. *Kontroll tas-sigurtà ta' l-inġenji ta' l-ajru*

Malli jitlesta l-kontroll tas-sigurtà fuq inġenju ta' l-ajru, għandu jinżamm reġistru mit-trasportatur ta' l-ajru għal 24 siegħa jew kemm iddum it-titjira, skond liema jkun l-itwal.

3.1.2. *Tiftix tas-sigurtà fuq l-inġenji ta' l-ajru*

1. Malli titlesta t-tiftixa tas-sigurtà fuq inġenju ta' l-ajru, għandu jinżamm reġistru mit-trasportatur ta' l-ajru għal 24 siegħa jew kemm iddum it-titjira, skond liema jkun l-itwal perjodu.

2. Tiftix tas-sigurtà fuq l-inġenji ta' l-ajru għandu jsir f'kabina ta' l-inġenju vojta.

3.2. **Protezzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru**

It-trasportatur bl-ajru għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment tal-protezzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru tiegħu.

4. **PASSIĠĠIERI U BAGALJI TAL-KABINA**

4.1. **Tgħarbil tal-Passiġġieri**

4.1.1. *Oġġetti pprojbiti*

1. Il-passiġġieri mhumiex permessi jdaħħlu l-oġġetti li ġejjin fiż-żona ristretta tas-sigurtà u fil-kabina ta' l-ajruplan:

a) Pistoli, armi tan-nar u armi

Kwalunkwe oġġett li jista', jew li jidher li jista', jispara projettili jew li jikkawża ġrieħi, inklużi:

— L-armi tan-nar kollha (pistoli, revolvers, xkubetti, snieter, eċċ.)

— Repliki u imitazzjonijiet ta' armi tan-nar

— Partijiet komponenti ta' armi tan-nar, (esklużi t-trombi teleskopiċi ta' avvistament u għajnuniet għall-mira)

— Pistoli u xkubetti ta' l-arja u pistoli tal-pellets

— Pistoli tas-sinjalar (flares)

— Pistoli tat-tlielaq

— L-armi tan-nar tal-logħob kollha

— Armi tan-nar li jisparaw il-ball bearings

— Pistoli industrijali tal-boltijiet u ta' l-imsiemer

— Balestri

— Katapulti

— Ħarpuni u froxxni

— Tagħmir għall-qtil uman ta' l-annimali

— Tagħmir għall-istordiment jew l-ixxukkjar (eż. niggieża elettriċi għall-bhejjem, armi ballistiċi li jwasslu l-enerġija (taser))

— Lajters f'forma ta' arma tan-nar

b) Armi ppuntati bix-xifer jaqta u Oġġetti jaqtgħu

Oġġetti ppuntati jew b'xafra li jistgħu jikkawżaw ġrieħi, fosthom:

— Imnanar u mannaretti

— Vleġeġ u darts

— Ganċijiet

— Ħarpuni u lanez

— Fisien u baqquni tas-silġ

— Skejz tas-silġ

— Imwies li jissakkru jew li jisparaw 'il barra bi xfafar ta' kwalunkwe tul

— Skieken, inklużi skieken ċerimonjali, bi xfafar ta' aktar minn 6 ċm, magħmula minn metall jew kwalunkwe materjal li hu b'saħħtu biżżejjed biex jintuża bħala arma potenzjali.

— Skieken tal-biċċiera

— Machetes

— Imwies u xfafar miftuħa (eskluži l-imwies tal-leħja ta' sikurezza jew li jintremew, li x-xfafar tagħhom ikunu magħluqa)

— Xwabel u lasti bix-xwabel fuqhom

— Skieken ta' l-operazzjonijiet

— Imqassijiet bi xfafar ta' aktar minn 6 ċm tul

— Arbli ta' l-iskijjar u tal-mixi

— Stilel tat-tfigħ

— Għodod tas-sengħa li jistgħu jintużaw bħala arma bil-ponta jew arma li taqta' eż. brejsijiet u golji, xfafar tal-karti, xfafar, kull tip ta' sega, turnaviti, skalpellini, mrietel, tnalji, spaners, blow torches.

ċ) Strumenti mhux bil-ponta/li ma jaqtgħux

Kwalunkwe strument mhux bil-ponta/li ma jaqtax, iżda li jista' jikkawża ġrieħi, inklużi:

— Mazez tal-baseball u tas-softball

— Mazez jew bsaten – riġidi jew flessibbli – eż Billy clubs, blackjacks, night sticks u bsaten

— Mazez tal-krikit

— Mazez tal-golf

— Mazez tal-ħoki

— Mazez tal-Lacrosse

— Imqadef tal-kajak u tal-kanu

— Skejtbords

— Lasti tal-biljard u tas-snooker

— Qasab tas-sajd

— Apparat ta' l-arti marzjali eż. knuckle dusters, mazez, coshes, rice flails, num chucks, kubatons, kubasaunts

d) Splussivi u sustanzi li jieħdu n-nar

Kwalunkwe sustanzi splussivi jew li faċli jieħdu n-nar li huma ta' riskju għas-saħħa tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ jew is-sigurtà / sikurezza ta' l-inġenju ta' l-ajru jew tal-proprjetà, fosthom:

— Munizzjon

— Mezzi detonaturi

— Detonaturi u niċeċ

— Splussivi u tagħmir splussiv

— Repliki jew imitazzjonijiet ta' tagħmir jew materjal splussiv

— Mini u mħażen militari splussivi oħra

— Granati ta' kull tip

— Gass u kontenituri tal-gass (eż. butejn, propejn, aċitilena, ossiġnu) f'volumi kbar

— Logħob tan-nar, flares (fi kwalunkwe forma) u oġġetti pirotekniċi oħra (inklużi l-party poppers u l-faqqaturi tal-logħob)

— Sulfarini mhux tas-sikurezza

— Bottijiet jew skratać li jiġġeneraw id-duħħan

— Fjuwil likwidu li jaqbad (eż. Petrol/gażolina, diżil, likwidu tal-lajters, alkoħol, etanol)

— Żebgħa ta' l-isprej fil-bottijiet

— Terpentina u żejt taż-żebgħa

— Xorb alkoħoliku li jaqbeż is-70 % tal-volum (140 % proof)

e) Sustanzi kimiċi u tossiċi

Kwalunkwe sustanzi kimiċi jew tossiċi li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ jew għas-sigurtà jew sikurezza ta' l-inġenju ta' l-ajru jew il-proprjetà, fosthom:

— Aċidi u Alkali eż. (batteriji "mxarrbin" li jista' joħroġ il-likwidu minnhom)

— Sustanzi korrożivi jew li jqaxxru (eż. merkurju, klorin)

— Sprejs li jiddiżabilitaw jew li jinkapaċitaw (eż. mace jew sprej tal-bżar, gass tad-dmugħ)

— Materjal radjuattiv (eż iżotopi mediċinali jew kummerċjali)

— Veleni

— Materjal infettuż jew bijoloġikament perikoluż (eż demm infettat, batterji u vajrusis)

— Materjal li jista' jieħu n-nar jew jaqbad waħdu.

— Ċilindri tat-tifi tan-nar

f) L i k w i d i

Likwidi, sakemm mhux f'kontenituri individwali b'kapaċità ta' mhux aktar minn 100 millilitru jew ekwivalenti u li jinsabu f'borża tal-plastik trasparenti u li tista' tiġi ssiġillata b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 litru. Il-kontenuti tal-borża tal-plastik għandhom joqogħdu faċilment fiha u l-borża għandha tkun kompletament magħluqa. Likwidi inklużi ġels, pejsts, sustanzi tad-dlik, taħlitiet ta' likwidi/solidi u l-kontenuti ta' kontenituri taħt pressjoni eż, toothpaste, ġel tax-xagħar, xorb, sopop, xiroppi, fwieħa, fowm tal-leħja, bottijiet ta' l-isprej u oġġetti oħra ta' konsistenza simili.

Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet jekk il-likwidu huwa:

(1) biex jintuża matul il-vjaġġ u huwa meħtieġ għall-raġunijiet mediċi inkella bħala rekwiżit djetetiku speċjali, inkluż l-ikel tat-trabi. Meta jintalab jagħmel dan, il-passiġġier għandu jagħti prova ta' l-awtenticità tal-likwidu eżentat; jew

(2) jinxtara fuq in-naħa "airside", lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati tal-karti tat-tlugħ, minn ħwienet li huma soġġetti għall-proċeduri approvati tas-sigurtà bħala parti mill-programm tas-sigurtà ta' l-ajruport, bil-kundizzjoni li l-likwidu jkun ippakkjat f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa u li juri biżżejjed provi li jkun inxtara mill-ajruport dakinhar; jew

(3) jinkiseb fiż-żona ristretta tas-sigurtà minn ħwienet li huma soġġetti għall-proċeduri approvati tas-sigurtà bħala parti mill-programm tas-sigurtà fl-ajruport; jew

(4) miksub minn ajruport ieħor tal-Komunità, bil-kundizzjoni li l-likwidu jkun ippakkjat f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa u li juri biżżejjed provi li jkun inxtara mill-ajruport fin-naħa "airside" dakinhar; jew

(5) miksub minn fuq ajruplan ta' trasportatur ta' l-ajru tal-Komunità, bil-kundizzjoni li l-likwidu jkun ippakkjat f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa u li juri biżżejjed provi li jkun inxtara minn dak l-ajruplan dakinhar; jew

(6) miksuba minn ħwienet li jinsabu f'żona airside lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti ta' l-imbarkazzjoni jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'ajruport li jinstab f'pajjiż terz elenkat fid-Dokument Mehmuż 1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament KE) Nru 2320/2002, li tinkludi fid-Dokument Mehmuż 1 ajruport ta' pajjiż terz, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— il-pajjiż terz għandu rapport tajjeb ta' kooperazzjoni mal-Komunità u l-Istati Membri tagħha; u

— il-Kummissjoni rikonoxxiet wara verifika li:

(a) il-pajjiż terz japplika standards sodisfaċenti ta' sigurtà fl-avjazzjoni; u

(b) fl-ajruport jiġu applikati miżuri ta' sigurtà li jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-punt 2.3.3 ta' dan l-Anness u l-paragrafu 2.3.6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Awwissu 2008 [1]; u

(ċ) il-linji ta' gwida irrakkomandati għall-kontroll tas-sigurtà ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili għat-tgħarbil ta' likwidi, gels u aerosols jiġu implimentati fl-ajruport, kif stabbilit fl-ittra ta' l-istat ta' l-1 ta' Diċembru 2006 (Referenza: AS 8/11-06/100 Kunfidenzjali) u fl-ittra ta' l-istat tat-30 ta' Marzu 2007 (Referenza: AS 8/11-07/26 Kunfidenzjali) jew, fil-każ tal-boroż tamper-evident, speċifikazzjonijiet ekwivalenti; u

(d) il-borża li f'borża li turi li ma ġietx imbagħbsa li fiha jitqiegħed il-likwidu turi prova sodisfaċenti ta' xiri fin-naħa "airside" fl-ajruport tal-pajjiż terz matul is-sitta u tletin siegħa preċedenti.

2. Passiġġier jista' jiġi eżentat mir-rekwiżiti tal-punt 4.1.1.1 bil-kundizzjoni li:

a) L-awtorità xierqa tkun ġiet infurmata minn qabel u tkun qablet li l-oġġett(i) jita' jinġarr/jistgħu jinġarru; u

b) Il-kaptan ta' l-inġenju ta' l-ajru jkun ġie infurmat dwar il-passiġġier u dwar l-oġġett(i) ipprojbit(i) li jkun qed jinġarru minnu/ha.

Fejn xieraq, l-oġġett(i) pprojbit(i) għandu/hom jitqiegħ/jitqiegħdu f'kundizzjonijiet sikuri.

[1] Id-Deċiżjoni għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

3. Il-lista ta' oġġetti pprojbiti msemmija fil-punt 4.1.1.1 u l-informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet permess għandha titqieghed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

4. L-awtorità xierqa tista' tipprojbixxi oġġetti minbarra dawk koperti bil-punt 4.1.1.1. L-awtorità xierqa għandha tagħmel sforzi raġjonevoli biex tinforma lill-passiġġieri dwar oġġetti bħal dawn qabel ma jkunu lestew il-proċedura taċ-check in għall-bagalji ta' l-istiva.

5. Sakemm ma jkunux ipprojbiti mill-punt 5.2.3.1, l-oġġetti pprojbiti mill-punti 4.1.1.1 jew 4.1.1.4 jistgħu jinġarru f'bagalji ta' l-istiva, bil-kundizzjoni li l-passiġġieri ma jkollhom l-ebda aċċess mhux sorveljat għal bagalji bħal dawn mill-punt li fih il-bagalji jiddaħħlu fiċ-check-in sal-punt fejn jinġabru mal-wasla.

6. L-istaff tas-sigurtà jista' jirrifjuta l-aċċess għal-żona ristretta tas-sigurtà u l-kabina ta' ajruplan kwalunkwe passiġġier li jkollu fil-pussess tiegħu oġġett li ma jinsabx fil-punt 4.1.1.3 li dwaru jkunu kkonċernati.

4.1.2. *Kalibrazzjoni tat-tagħmir fiss ta' ditezzjoni tal-metall fuq il-persuna*

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

4.1.3. *It-tgħarbil ta' passiġġieri b'mobilità mnaqqsa.*

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

4.1.4. *Dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal passiġġieri potenzjalment ta' sfrattu*

1. Għandhom jiġu introdotti miżuri speċifiċi ta' sigurtà għat-trasport bl-ajru tal-gruppi li ġejjin ta' passiġġieri potenzjalment ta' sfrattu

   a) Deportati:

      — Persuni li tħallew jidħlu legalment fi Stat Membru mill-awtoritajiet tiegħu jew li daħlu fi Stat Membru b'mod illegali, u li f'xi stadju aktar tard ikun ġie ordnat formalment mill-Awtoritajiet biex jitlaq minn dak l-Istat Membru.

   b) Persuni inammissibbli:

      — Persuni li d-dħul tagħhom fi Stat Membru huwa rrifjutat mill-awtoritajiet kompetenti u li qed jittieħdu lura fil-pajjiż tat-tluq tagħhom jew lejn kwalunkwe pajjiż ieħor fejn huma ammissibbli dawk il-persuni.

   ċ) Persuni miżmuma skond il-liġi:

      — Persuni arrestati jew ikkundannati minn qorti tal-liġi, li għandhom jiġu ttrasportati.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lit-trasportatur bl-ajru kkonċernat fi żmien xieraq, u bil-miktub, meta jkunu biħsiebhom itellgħu abbord passiġġeri potenzjalment ta' sfrattu.

3. In-notifika bil-miktub lit-trasportatur bl-ajru u lill-pilota fil-kmand għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin:

   — l-identità tal-persuna;

   — ir-raġuni għall-vjaġġ;

   — l-isem u t-titlu ta' l-iskorta/i, jekk rilevanti;

   — valutazzjoni tar-riskju mill-awtoritajiet kompetenti (inklużi r-raġunijiet għall-iskorta jew nuqqas ta' skorta);

   — arranġamenti minn qabel għall-akkomodazzjoni, jekk meħtieġa; u

   — in-natura tad-dokument(i) disponibbli.

4. Għandhom jiġu introdotti miżuri speċifiċi ta' sigurtà għal passiġġieri ta' sfrattu. Passiġġieri ta' sfrattu huma persuni li waqt li jkunu abbord inġenju ta' l-ajru ċivili, mill-mument li jingħalaq il-bieb ta' l-inġenju qabel it-tluq, sal-mument li fih jinfetaħ, iwettqu att ta':

   — attakk, inditimidazzjoni, theddid jew ta' traskuraġni volontarja li jipperikola l-ordni pubblika jew is-sikurezza tal-proprjetà jew tal-persuni;

— attakk, intimidazzjoni, theddid jew indħil ma' membru ta' l-ekwipaġġ fil-qadi ta' dmirijietu jew li jnaqqaslu l-kapaċità li jwettaq dmirijietu;

— traskuraġni jew ħsara volontarja lill-inġenju ta' l-ajru, it-tagħmir tiegħu jew strutturi u tagħmir anċillari b'tali mod li jiġu pperikolati l-ordni pubblika u s-sikurezza ta' l-inġenju ta' l-ajru jew ta' l-okkupanti tiegħu;

— komunikazzjoni ta' informazzjoni li hija magħrufa bħala falza, biex b'hekk tiġi pperikolata s-sikurezza ta' l-inġenju ta' l-ajru matul it-titjira;

— diżubbidjenza ta' ordnijiet jew struzzjonijiet legali għall-operat sikur, ordnat u effiċjenti.

5. Persuni miżmuma legalment dejjem għandhom ikunu skurtati.

4.2. **Separazzjoni tal-Passiġġieri**

Fil-każ li parti mill-faċilitajiet tat-terminal ta' l-ajru li jinsabu bejn punti ta' kontroll tas-sigurtà bit-tgħarbil u l-punt ta' l-imbark fuq l-inġenju ta' l-ajru jkunu ntużaw minn passiġġieri tal-wasla li ma ġewx skrinjati skond ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002, qabel ma jseħħ kwalunkwe imbark ta' passiġġieri skrinjati għandha ssir tiftixa f'din iż-żona sabiex jiġi żgurat li ma jkunu tħallew l-ebda oġġetti pprojbiti.

4.3. **It-tgħarbil tal-Bagalji tal-Kabina**

1. Il-likwidi kollha għandhom jiġu ppreżentati għall-eżaminar fil-punti tat-tgħarbil.

2. Kompjuters portabbli u oġġetti elettroniċi kbar oħra għandhom jitneħħew mill-bagalji tal-kabin qabel ma jsir it-tgħarbil u jiġu skrinjati b'mod separat.

3. Il-kowtijiet u l-ġkieket tal-passiġġieri għandhom jgħaddu mit-tgħarbil bħala bagalja separata tal-kabina.

4.3.1. *It-tgħarbil tal-bagalji tal-kabina li jużaw apparat ta' l-xray ta' definizzjoni għolja bit-TIP installat u użat*

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

4.4 **It-tgħarbil ta' Staff Diplomatiku**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

5. BAGALJI TA' L-ISTIVA

5.1. **Rikonċiljazzjoni tal-Bagalji ta' l-Istiva**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

5.2. **It-tgħarbil tal-Bagalji ta' l-Istiva**

5.2.1. *Bagalji ta' l-Istiva Akkumpanjati*

1. It-trasportatur bl-ajru għandu jiżgura li kull passiġġier jivvjaġġja fuq l-istess titjira bħall-bagalji għall-istiva li għaddew miċ-check-in. Fejn dan ma jkunx il-każ dawk il-bagalji ta' l-istiva għandhom jitqiesu bħala bagalji mhux akkumpanjati.

2. L-awtorità xierqa għandha tistipula l-proċeduri dettaljati fil-programm nazzjonali għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili dwar kif għandu jintlaħaq l-għan tat-tgħarbil fil-każ li l-apparat tat-tgħarbil jieqaf jaħdem sew.

5.2.2. *Bagalji ta' l-Istiva Mhux Akkumpanjati*

Trasportatur bl-ajru li jaċċetta bagalji ta' l-istiva mhux akkumpanjati minn trasportatur bl-ajru ieħor għandu jikseb dikjarazzjoni bil-miktub li l-kontrolli tas-sigurtà stipulati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 twettqu għal dawn il-bagalji ta' l-istiva qabel ma jiġu aċċettati għall-ġarr.

5.2.3. *Oġġetti pprojbiti mill-bagalji ta' l-istiva*

1. L-oġġetti li ġejjin m'għandhomx jitqiegħdu fil-bagalji ta' l-istiva:

— Splussivi, inklużi detonaturi, niċeċ, grenati, mini u splussivi

— Gassijiet inklużi propejn u butejn

— Likwidi li jieħdu n-nar inklużi l-gażolina u l-metanol

— Solidi li jieħdu n-nar u sustanzi reattivi, inkluż il-manjeżju, lajters, logħob tan-nar u flares

— Ossidizzanti u perossidi organiċi, inkluż blič u kits għat-tiswija tal-karrozzerija

— Sustanzi tossiċi jew infettwużi, inkluż velenu tal-firien u demm infettat

— Materjal radjuattiv inklużi iżotopi mediċinali jew kummerċjali

— Sustanzi korrużivi, inkluż il-merkurju u batteriji tal-vetturi

— Komponenti tas-sistemi tal-karburant tal-vetturi li kien fihom il-karburant

2. Il-lista ta' oġġetti pprojbiti msemmija fil-punt 5.2.3.1 għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fl-aġenziji tat-trasportaturi bl-ajru u permezz ta' meżżi xierqa oħra.

3. L-awtorità xierqa tista' tipprojbixxi oġġetti minbarra dawk koperti bil-punt 5.2.3.1. L-awtorità xierqa għandha tagħmel l-isforzi raġjonevoli biex tinforma lill-passiġġieri b'oġġetti bħal dawn.

4. L-istaff tas-sigurtà jista' jirrifjuta t-trasport ta' bagalji ta' l-istiva li jkun fihom oġġett mhux kopert mill-punt 5.2.3.1 u li dwaru jkunu kkonċernati.

5.2.4 *It-tgħarbil tal-bagalji ta' l-istiva permezz ta' Sistema għad-Ditezzjoni ta' l-Isplussivi (EDS)*

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

5.2.5 *It-tgħarbil tal-bagalji tal-kabina li juża apparat x-ray konvenzjonali ta' definizzjoni għolja bit-TIP installat u użat*

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

5.3. **Protezzjoni tal-Bagalji ta' l-Istiva**

1. L-aċċess għaż-żoni ta' pproċessar u tal-ħżin tal-bagalji għandu jkun limitat għal dawk l-istaff bi ħtieġa operattiva li jidħol f'dawk iż-żoni. Dawn għandhom jinkludu dawk involuti fit-tagħbija, fil-ħatt u fil-protezzjoni tal-bagalji ta' l-istiva u persuni awtorizzati mill-awtorità xierqa biex jitħallew ikollhom aċċess għaż-żoni ta' pproċessar u ta' ħżin.

2. Il-passiġġieri jistgħu jitħallew ikollhom aċċess għall-oġġetti tagħhom tal-bagalji ta' l-istiva skrinjati fejn dan ikun meħtieġ, bil-kundizzjoni li jiġu ssorveljati l-ħin kollu sabiex jiġi żgurat li l-ebda oġġett ipprojbit ma:

(a) jiddaħħal fil-bagalji ta' l-istiva; jew

(b) jitneħħa mill-bagalji ta' l-istiva u jitella' fil-kabina ta' l-inġenju ta' l-ajru jew żona ristretta ta' sigurtà.

6. TAGĦBIJA, PAKKETTI TAL-KURRIER U EKSPRESS

6.1. **Applikazzjoni**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

"konsenjatur akkont" tfisser konsenjatur li l-kunsinni tiegħu jistgħu jiġu identifikati pożittivament għall-ġarr esklussiv fuq inġenji ta' l-ajru tal-merkanzija biss, kif jissemma fil-punt 6.5 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

6.2 **Kwalifiki għal Aġent Irregolat**

Nominazzjoni, approvazzjoni jew lenekar mill-awtorità xierqa

6.2.1. Sabiex entità tkun nominata, approvata jew elenkata mill-awtorità xierqa bħala aġent irregolat, l-Istati Membri għandho jiżguraw li tiġi implimentata l-proċedura li ġejja:

(a) L-entità għandha tapplika għand l-awtorità xierqa ta' l-Istat Membru li fih tinsab għall-istatus ta' aġent regolat.

L-applikant għandu jressaq programm ta' sigurtà lill-awtorità xierqa. Il-programm għandu jiddeskrivi l-metodi u l-proċeduri li għandu jsegwi l-aġent biex jaderixxi kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li fih tinsab. Il-programm għandu jiddeskrivi wkoll kif l-aderenza ma' dawn il-metodi u proċeduri għandha tiġi sorveljata mill-aġent innifsu.

L-applikant għandu jippreżenta wkoll dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-impenn tiegħu li jżomm l-istandards tas-sigurtà stipulati fil-programm tiegħu u li jinnotifikaw lill-awtorità xierqa minnufih dwar kwalunkwe tibdil fil-programm tiegħu. Dan għandu jiġi ffirmat mir-rappreżentant legali jew mill-persuna rresponsabbli għas-sigurtà.

(b) L-awtorità xierqa għandha teżamina l-programm tas-sigurtà sabiex tiżgura li l-miżuri tas-sigurtà stipulati fil-programm jilħqu l-istandard meħtieġ. L-awtorità xierqa mbagħad għandha tagħmel verifika fuq il-post fil-proprjetà ta' l-applikant li tkun se tiġi koperta biex tivvaluta jekk l-applikant huwiex kapaċità jikkonforma kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ta' l-Istat Membru li fih tinsab il-proprjetà.

(ċ) Jekk l-awtorità xierqa tkun sodisfatta bl-informazzjoni pprovduta skond il-punti a) u b), tista' taħtar, tapprova jew tleneka l-aġent bħal aġent irregolat għal siti speċifiċi.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2008.

6.2.2. Spezzjoni mill-awtorità xierqa fuq il-proprjetà ta' l-aġent irregolat tista' titqies bħala verifika fuq il-post għall-finijiet tal-punt 6.2.1(b).

6.2.3. Jekk l-awtorità xierqa m'għadhiex sodisfatta li l-aġent irregolat huwa kapaċi jikkonforma kemm ma' dan ir-Regolament kif ukoll mal-programm nazzjonali tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, għandha tirtira l-istatus ta' aġent irregolat.

6.3. **Kontrolli ta' sigurtà**

6.3.1. Waqt it-tgħarbil tal-merkanzija skond il-punt 6.3.1(b) ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, l-aġenti jew it-trasportaturi ta' l-ajru għandhom:

a) jużaw il-mezzi jew il-metodu li l-aktar li huwa probabbli li jirrileva oġġetti pprojbiti, fil-qies tan-natura tal-kunsinna; u

b) jiżguraw li l-mezzi jew il-metodu użat ikun ta' standard biżżejjed li jiżgura li l-ebda oġġett ipprojbit ma' jkun moħbi fil-merkanzija.

6.3.2. L-awtorità xierqa għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-mezzi l-oħrajn kollha, kif imsemmi fil-punt 6.3.1(b) taħt (iv) ta' l-Anness għar-Regolaent (KE) Nru 2320/2002, li tippermetti għat-tgħarbil tal-merkanzija.

6.4. **Kriterji għal Konsenjatur Magħruf**

6.4.1. Id-dikjarazzjoni tal-konsenjatur magħruf kif imsemmi fil-punt 6.4.1(b) ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 għandha ssir darba kull sena bil-miktub u bl-użu ta' format nazzjonali standardizzat.

Id-dikjarazzjoni għandha tinkludi ċ-ċertifika li l-kunsinni ma fihom l-ebda oġġett ipprojbit kif elenkat fil-punti (iv) u (v) tal-Ħemża, kif imsemmi fil-punt 6.4.1(c) taħt (i) ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

Il-kunsenjatur magħruf għandu jieħu r-responsabbiltà kollha għad-dikjarazzjoni tiegħu.

6.4.2. Meta kunsinna jkun fiha kwalunkwe oġġett ipprojbit, il-konsejatur magħruf għandu jiċċertifika bil-kitba, fi kwalunkwe waqt, lill-aġent regolat jew lit-trasportatur ta' l-ajru li kunsinna fiha dawk l-oġġetti.

6.4.3. Jekk il-konsenjatarju magħruf ma jkunx għadu jista' jikkonforma ruħu ma' dan l-obbligu, l-istatus tal-konsejatur magħruf għandu jkun irtirat mill-awtorità xierqa jew mill-aġent regolat jew mit-trasportatur ta' l-ajru responsabbli għall-validazzjoni.

6.5. **Ġarr fuq inġenji ta' l-ajru esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija**

6.5.1. Biex aġent regolat jew trasportatur ta' l-ajru jiddeżinjaw entità bħala konsenjatur akkunt, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun implimentata l-proċedura li ġejja:

(a) L-entità għandha tissottometti dikjarazzjoni ffirmata ta' impenji, li fiha tiddikjara li hija:

— tikkonferma r-riċevuta ta' struzjonjiet nazzjonali dwar is-sigurtà ta' l-artijiet u l-bini, tal-persunal u tat-trasport;

— tiżgura li l-istruzzjonijiet nazzjonali dwar is-sigurtà jkunu kkomunikati lill-persunal li jaħdem fl-artijiet u l-bini tagħha;

— iżżomm il-merkanzija fis-sigurtà sakemm tingħadda f'idejn l-aġent regolat jew it-trasportatur ta' l-ajru;

— taċċetta li l-kunsinni jkunu jistgħu jkunu suġġetti għal-kontrolli tas-sigurtà, inkluż it-tgħarbil; u

— taċċetta spezzjonijiet bla avviż minn qabel min-naħa ta' l-awtorità xierqa fl-artijiet u l-bini tagħha biex ikun eżaminat jekk il-konsenjatur akkont jikkonformax ma' l-istruzzjonijiet nazzjonali;

l-entità għandha tiddeżinja talanqas persuna waħda responsabbli għas-sigurtà fl-artijiet u l-bini tagħha u għandha tinforma lill-aġent regolat jew lit-trasportatur ta' l-ajru bl-isem u bid-dettalji ta' kuntatt ta' din il-persuna.

(b) L-aġent regolat jew it-trasportatur ta' l-ajru għandhom jistabbilixxu d-dettalji li ġejjin ta' l-entità:

— id-dettalji tal-kumpanija, inklu l-indirizz kemmerċjali *bona fide*;

— in-natura ta' l-azjenda;

— id-dettalji ta' kuntatt, inklużi dawk tal-persuna/i responsabbli għas-sigurtà;

— in-numru ta' referenza tal-Vat jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija; u

— l-kont bankarju.

(ċ) Jekk l-aġent regolat jew it-trasportatur ta' l-ajru jkun sodisfatt bl-informazzjoni pprovduta skond il-punti a) u b), l-entità tista' tkun dežijata bħala konsenjatur akkont.

6.5.2. L-aġent regolat jew it-trasportatur ta' l-ajru għandu jżomm database bl-informazzjoni msemmija fil-punt 6.5.1(b). Id-database għandu jkun disponibbli għal-ispezzjoni min-naħa ta' l-awtorità xierqa.

6.5.3. Jekk l-aġent regolat jew it-trasportatur ta' l-ajru ma jibqax sodisfatt li l-konsenjatarju akkont jista' jikkonforma ma' l-istruzzjonijiet nazzjonali, għandu jirtiralu l-istatus ta' konsenjatur akkont.

7. **POSTA**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

8. **POSTA U MATERJALI TAT-TRASPORTATUR BL-AJRU**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

9. **STOKKIJIET U PROVVISTI TAL-CATERING TAT-TRASPORTATUR BL-AJRU**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

10. **STOKKIJIET U PROVVISTI TAT-TINDIF TAT-TRASPORTATUR BL-AJRU**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

11. **AVJAZZJONI ĠENERALI**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

12. **REKLUTAĠĠ U TAĦRIĠ TAL-PERSUNAL**

12.1. **Programm Nazzjonali ta' Taħriġ fis-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni**

Il-programm nazzjonali ta' taħriġ fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni għandu jinkludi rekwiżiti ta' taħriġ għat-trattament ta' passiġġieri ta' sfrattu.

12.2. **Persunal tas-Sigurtà**

12.2.1. *Il-Ġestjoni tas-Sigurtà tat-Trasportatur bl-Ajru u ta' l-Ajruport.*

1. L-awtorità xierqa għandha tiżgura li kull ajruport Komunitarju u trasportatur bl-ajru għandu jkollu sistemi kkwalifikati kif jixraq għall-ġestjoni tas-sigurtà. L-awtorità rilevanti għandha tiżgura li jkun hemm organizzazzjoni adegwata tal-ġestjoni tas-sigurtà. Maniġers ta' livell għoli li huma responsabbli għall-konformità tat-trasportaturi jew ta' l-ajruporti man-normi tas-sigurtà għandhom ikollhom il-livelli xierqa ta' kwalifiki, għarfien u esperjenza, li għandhom jinkludu:

(a) esperjenza fl-operazzjonijiet tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni; jew

(b) esperjenza minn oqsma oħra rrelatati mas-sigurtà, bħall-infurzar tal-liġi, il-militar jew oħrajn; u

(ċ) ċertifikazzjoni jew approvazzjoni ekwivalenti mill-awtorità rilevanti; u

(d) għarfien fl-oqsma li ġejjin:

— is-sistemi ta' sigurtà u l-kontroll ta' l-aċċess;

— is-sigurtà fuq l-art u matul it-titjira;

— armi u oġġetti pprojbiti;

— għarfien ġenerali dwar it-terroriżmu.

12.3 **Persunal ieħor**

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

13. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦAT-TAGĦMIR TAT-TGĦARBIL

L-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament.

Anness 1

Ajruport(i) li minnhom jitilqu t-titjiriet lejn ajruporti fil-Komunità:

— L-ajruport ta' Singapore (SIN)

— Il-Kroazja:

L-ajruport ta' Dubrovnik (DBV)

L-ajruport ta' Rijeka (RJK)

L-ajruport ta' Pula (PUY)

L-ajruport ta' Split (SPU)

L-ajruport ta' Zadar (ZAD)

L-ajruport ta' Zagreb (ZAG)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 821/2008

tat-18 ta' Awwissu 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1362/2000 rigward il-ftuħ ta' kwota tariffarja tal-Komunità għall-banana li toriġina fil-Messiku

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1362/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jimplimenta għall-Komunità d-dispożizzjonijiet tat-tariffa tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt skont il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Biex titqies l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, fid-29 ta' Novembru 2006 ġie ffirmat it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar is-Sħubija Ekonomika, il-Koordinazzjoni u l-Kooperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa u l-Istati Uniti Messikani min-naħa l-oħra, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007.

(2) B'ħekk, ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt bejn l-UE u l-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 [2] ġew aġġustati bid-Deċiżjoni Nru 2/2008 tal-Kunsill Konġunt bejn l-UE u l-Messiku li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000 [3], dwar il-kummerċ ta' prodotti, iċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini u l-akkwist pubbliku. Din id-deċiżjoni tiddisponi għall-ftuħ ta' tariffa annwali ġdida għall-banana li toriġina fil-Messiku.

(3) Għall-implimentazzjoni ta' din il-kwota tariffarja, ir-Regolament (KE) Nru 1362/2000 għandu jkun aġġustat. Għal dan il-għan jeħtieġ li tinfetaħ kwota tariffarja għall-banana li toriġina fil-Messiku u li tingħalaq il-kwota tariffarja għall-banana li nfetħet fl-2004 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1553/2004 [4] li ma baqax japplika mill-1 ta' Jannar 2006 b'konsegwenza tal-introduzzjoni tar-reġim tariffarju biss mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 tad-29 ta' Novembru 2005 dwar ir-rati tat-tariffi għall-banana [traduzzjoni mhux uffiċjali] [5].

(4) Skont id-Deċiżjoni Nru 2/2008, il-kwota tariffarja l-ġdida għandha tinfetaħ mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja. Din il-kwota għandha tapplika għall-ewwel darba mit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2/2008 fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għaldaqstant dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u għandu jidħol fis-seħħ minnufih.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1362/2000 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 5b għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5b. Id-dazju doganali applikabbli għall-prodotti bil-kodiċi NM 0803 00 19 fi ħdan il-kwota tariffarja bin-numru tas-serje Nru 09.1834 fl-Anness għandu jkun EUR 70/tunnellata."

(b) Il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Bl-eċċezzjoni tal-kwoti tariffarji bin-numri tas-serje Nru 09.1834, Nru 09.1854, Nru 09.1873 u Nru 09.1899, il-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jinfetħu kull sena għal perjodu ta' tnax-il xahar mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju. Dawn il-kwoti għandhom jinfetħu għall-ewwel darba fl-1 ta' Lulju 2000.

Il-kwota tariffarja bin-numru tas-serje Nru 09.1834 għandha tinfetaħ mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja. Għas-sena 2008, din il-kwota għandha tapplika mid-29 ta' Lulju 2008.

[1] ĠU L 157, 30.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 502/2005 (ĠU L 83, 1.4.2005, p. 12).
[2] ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10.
[3] ĠU L 198, 26.7.2008, p. 55.
[4] ĠU L 282, 1.9.2004, p. 3.
[5] ĠU L 316, 2.12.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 (ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1).

Il-kwota tariffarja bin-numru tas-serje Nru 09.1873 għandha tinfetaħ mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 u minn hemm 'il quddiem mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja, sakemm il-kwota tibqa' applikabbli."

(2) L-Anness huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

It-Tabella fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1362/2000 hija emendata hekk:

(1) Bejn ir-ringiela bin-numru tas-serje 09.1845 u r-ringiela bin-numru tas-serje 09.1847 tiżdied din ir-ringiela:

Nru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota tariffarja annwali (piż nett, sakemm mhux speċifikat xort'ohra)	Dazju tal-kwota tariffarja (riduzzjoni %)
"09.1834	0803 00 19	Banana, friska (għajr għall-pjantaġġini)	2 000 tunnellata	Dazju fiss li għandu jiġi applikat"

(2) Ir-ringiela għall-kwota tariffarja bin-numru tas-serje 09.1871 titneħħa.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 822/2008

tat-18 ta' Awwissu 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 817/2008 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Awwissu 2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mis-16 ta' Awwissu 2008 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 817/2008 [3].

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji ta' l-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji ta' l-importazzjoni ffissati bir-Regolament (KE) Nru 961/2007.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 817/2008 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 817/2008 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-19 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

[2] ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1816/2005 (ĠU L 292, 8.11.2005, p. 5).

[3] ĠU L 220, 15.8.2008, p. 16.

ANNESS I

Dazji ta' l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli fid-19 ta' Awwissu 2008

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju ta' l-importazzjoni (1) (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00 (2)
	ta' kwalità medja	0,00 (2)
	ta' kwalità baxxa	0,00 (2)
1001 90 91	QAMĦ għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ	0,00 (2)
1002 00 00	SEGALA	0,00 (2)
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu	0,00
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ (3)	0,00 (2)
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ	0,00 (2)

(1) Ghall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-bahar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 608/2008, l-applikazzjoni ta' dan id-dazju hija sospiża.

(3) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNESS II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

15 ta' Awwissu 2008

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ (1)	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja (2)	Qamħ iebes kwalità baxxa (3)	Xgħir
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	224,74	135,95	—	—	—	—
Prezz *FOB* USA	—	—	296,57	286,57	266,57	129,17
Tariffa fuq il-Golf	—	11,96	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	12,94	—	—	—	—	—

(1) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(2) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(3) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam	38,70 EUR/t
Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam:	37,51 EUR/t

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Lulju 2008

li tawtorizza metodi għall-klassifika ta' karkassi ta' majjali fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3740)

(it-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(2008/676/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 tat-13 ta' Novembru 1984 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84, il-klassifika ta' karkassi tal-majjali għandha tiġi determinata billi jiġi stmat il-kontenut tad-dgħif permezz ta' metodi ta' valutazzjoni pprovati statistikament ibbażati fuq il-qies fiżiku ta' waħda jew aktar mill-partijiet anatomiċi tal-karkassa tal-majjal. L-awtorizzazzjoni ta' metodi ta' klassifika għandha tkun soġġetta għal konformità ma' tolleranza massima għal żball statistiku fil-valutazzjoni. Din it-tolleranza hija definita fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85 ta' l-24 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali [2].

(2) Il-Bulgarija talbet lill-Kummissjoni biex tawtorizza metodu wieħed ta' klassifika ta' karkassi tal-majjali u ppreżentat ir-riżultati tal-provi tad-dissezzjoni fit-tieni parti tal-protokoll previst fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2967/85.

(3) Eżami ta' din it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-metodi ta' klassifika huma sodisfatti.

(4) L-ebda modifika fl-apparat jew fil-metodi ta' klassifika ma tista' tiġi awtorizzata ħlief permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġdida adottata fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba. Għal din ir-raġuni, din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi mħassra.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-użu tal-metodi li ġejjin huwa b'dan awtorizzat għall-klassifika tal-karkassi tal-majjali fil-Bulgarija skond ir-Regolament (KEE) Nru 3220/84:

— l-apparat Ultra FOM 200 u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinstabu fl-Anness.

[1] ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3513/93 (ĠU L 320, 22.12.1993, p. 5).

[2] ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1197/2006 (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 6).

Artikolu 2

Modifiki fl-apparat jew fil-metodi ta' valutazzjoni m'għandhomx jiġu awtorizzati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Metodi għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali fil-Bulgarija

ULTRA FOM 200

1. Il-klassifika ta' karkassi tal-majjali ssir bl-użu ta' l-apparat magħruf bħala Ultra FOM-200.

2. L-apparat għandu jkun armat b'sonda ultrasonika ta' 4 MHz (Krautkrämer MB 4 SE). Is-sinjal ultrasoniku huwa diġitizzat, maħżun u pproċessat permezz ta' mikroproċessur (tat-tip Intel 80 C 32). Ir-riżultati mkejla għandhom ikunu kkonvertiti f'kontenut stmat ta' dgħif permezz ta' l-apparat Ultra-FOM nnifsu.

3. Il-kontenut ta' dgħif tal-karkassa għandu jiġi kkalkolat skond il-formula li ġejja:

$$\hat{Y} = 67{,}130 - 0{,}3284 \times X1 - 0{,}3725 \times X2 + 0{,}01515 \times X3$$

fejn:

$\hat{Y}$ = il-kontenut stmat tad-dgħif (f'perċentwal),

X1 = il-ħxuna tax-xaħam u tal-ġilda dorsali mkejla f'punt 7 ċm 'l barra mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tielet u r-raba' vertebra lumbari ta' l-aħħar (f'millimetri),

X2 = il-ħxuna tax-xaħam u tal-ġilda dorsali imkejla f'punt 7 ċm 'l barra mil-linja tan-nofs tal-karkassa, bejn it-tielet u r-raba' kustilji ta' l-aħħar (f'millimetri),

X3 = il-fond tal-muskoli mkejjel fl-istess punt u fl-istess ħin bħal tal-ħxuna tax-xaħam dorsali (f'millimetri).

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi bil-piż bejn 60 u 120 kilogramma.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Lulju 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2006/784/KE fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' metodu għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal fi Franza

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3803)

(It-test Franċiż biss huwa awtentiku)

(2008/677/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 tat-13 ta' Novembru 1984 li jistabbilixxi l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi tal-majjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/784/KE [2], tawtorizza seba' metodi għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal fi Franza.

(2) Sabiex jissemplifika l-kalkoli tal-kejl, il-Gvern Franċiż talab lill-Kummissjoni biex tawtorizza l-bdil tal-formula li tintuża fil-metodu "Capteur Gras/Maigre – Sydel (CGM)" għall-klassifika ta' karkassi tal-majjal u ppreżenta r-riżultati tal-provi ta' dissezzjoni tiegħu fit-tieni parti tal-protokoll li hemm stipulat fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85 ta' l-24 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-gradazzjoni (klassifika) tal-karkassi tal-majjal [3].

(3) L-eżami ta' din it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dan il-metodu ta' klassifika ġew issodisfati.

(4) Id-Deċiżjoni 2006/784/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/784/KE huwa b'dan emendat skond l-Anness għal dan.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3513/93 (ĠU L 320, 22.12.1993, p. 5).

[2] ĠU L 318, 17.11.2006, p. 27. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/293/KE (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 16).

[3] ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1197/2006 (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 6).

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2006/784/KE fil-Parti 1 (Capteur Gras/Maigre – Sydel (CGM)), il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassi għandu jiġi kkalkulat billi tintuża l-formula li ġejja:

$\hat{Y}$ = 62,19 – 0,729 G2 + 0,144 M2

fejn:

$\hat{Y}$ = il-perċentwali kkalkulata ta' laħam dgħif fil-karkassa,

G2 = il-ħxuna tax-xaħam (inkluża l-ġilda), bejn it-tielet u r-raba' kustilji mill-aħħar, 6 ċm lil hinn mil-linja tan-nofs tad-dahar, bi trajettorja parallela ma' din il-linja (f'millimetri),

M2 = il-ħxuna tal-muskolu, bejn it-tielet u r-raba' kustilji mill-aħħar, 6 ċm lil hinn mil-linja tan-nofs tad-dahar, bi trajettorja parallela ma' din il-linja (f'millimetri).

Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn il-45 u l-125 kg."

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Awwissu 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2007/716/KE fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 4319)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/678/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/716/KE tat-30 ta' Ottubru 2007 [2] tistabbilixxi miżuri tranżitorji għar-rekwiżiti strutturali ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sakemm dawk l-istabbilimenti jkunu fi tranżizzjoni, il-prodotti li joriġinaw minnhom għandhom jitqiegħdu biss fis-suq domestiku jew jintużaw għal iktar ipproċessar fi stabbilimenti Bulgari fi tranżizzjoni.

(2) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Bulgara, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib ħejjew il-proċess tagħhom ta' aġġornament u issa jinsabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Dawn l-istabbilimenti għalhekk għandhom jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni.

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE jiġi emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 13 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33.

[2] ĠU L 289, 7.11.2007, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/552/KE (ĠU L 178, 5.7.2008. p. 43).

ANNESS

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/716/KE huwa emendat kif ġej:

(1) In-notamenti li ġejjin għall-istabbilimenti ta' pproċessar tal-laħam jitħassru:

Nru	Nru Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt / Triq jew Raħal / Reġjun
"24.	BG 0701001	"Cheh — Yosif Novosad" OOD	s. Sokolovo obsht. Drianovo
33.	BG 0901007	EOOD "Bayka-1"	gr. Kardzhali Zadbolnichen kvartal 29
47.	BG 1501013	ET "Velichko Ivanov-Venetsiya"	s. Malchika obsht. Levski
48.	BG 1501019	"Intermes" OOD	s. Tarnene
62.	BG 1901005	"Dulo-Alfa" OOD	gr. Dulovo ul. "Dobrudzha" 18
97.	BG 0402003	ET "M.M-Miroslav Hristov"	s. Parvomaytsi obl. V. Tarnovo
172.	BG 1505018	ET "Anko Petrov-Anda"	s. Komarevo obsht. D. Mitropolia
177.	BG 1605015	ET "D. Kalkanov"	gr. Asenovgrad ul. "Oton Ivanov" 70
241.	BG 0704009	"Ayvi" OOD	gr. Gabrovo ul. "Industrialna" 1
280.	BG 1604011	"Milena-Boris Kikyuov" ET	gr. Plovdiv ul. "Slava" 3
302.	BG 1804017	AD "Boroimpeks"	gr. Borovo, bul. "Patriarh Evtimiy" 3A
375.	BG 2804010	ET "Tagara — Diana Kurteva"	gr. Yambol Industrialna zona
378.	BG 1518008	"Anona" OOD	gr. Pleven Zapadna ind. Zona ul. "Georgi Kochev""

(2) In-notamenti li ġejjin għall-istabbilimenti ta' pproċessar tal-ħalib jitħassru:

Nru	Nru Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt / Triq jew Raħal / Reġjun
"5.	BG 0412009	"Milki-luks" EOOD	s. B. Cherkva obsht. Pavlikeni
22.	BG 1612038	"MAH — 2003" EOOD	s. Lenovo
54.	BG 2012022	"Bratya Zafirovi" OOD	gr. Sliven Promishlena zona Zapad
65.	112014	ET "Veles-Kostadin Velev"	gr. Razlog ul. "Golak" 14
105.	1512003	"Mandra-1" EOOD	s. Tranchovitsa, obsht. Levski
134.	1912002	"Laktokom" EOOD	s. Kalipetrovo
152.	2112024	ET "Ulan-Dzh. Ulanov"	s. Borino
168.	2312041	"Danim-D.Stoyanov" EOOD	gr. Elin Pelin m-st Mansarovo
190.	2712010	"Kamadzhiev-milk" EOOD	s. Kriva reka obsht. N. Kozlevo"

III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Lulju 2008

dwar l-attribuzzjoni ta' għotjiet għal azzjonijiet għat-traduzzjoni u l-ittestjar ta' modulu ta' stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni fil-Programm Speċifiku "Il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda Kontra l-Kriminalità" bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet

(2008/679/ĠAI)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku "Il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" għall-perijodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet [1], u partikolarment l-Artikolu 7(6) tagħha,

Billi:

(1) Fis-16 ta' April 2007, il-Kummissjoni adottat il-Programm Annwali ta' Ħidma ta' l-2007 għall-Programm Speċifiku "Il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet [2],

(2) Fi Frar 2007 ġiet ippubblikata sejħa għal Imsieħba ta' Qafas fil-programm 'Il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità.

(3) Fis-16 ta' Awwissu 2007 ntbagħtet sejħa speċifika għal proposti għat-traduzzjoni u l-ittestjar ta' modulu ta' stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni lill-Imsieħba ta' Qafas kollha li kienu għażlu l-"Istatistika dwar il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali".

(4) Kumitat ta' evalwazzjoni ltaqa' fis-6 ta' Novembru 2007, fit-22 ta' Novembru 2007 u fis-17 ta' Diċembru 2007 u rrakkomanda l-attribuzzjoni ta' l-għotjiet għat-traduzzjoni u l-ittestjar ta' modulu ta' stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3].

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz ta' l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-għotjiet għal azzjonijiet imsemmija fl-Anness huma approvati għall-ammont totali ta' EUR 1 540 170,39.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 58, 24.2.2007, p. 7.

[2] C/2007/1627.

[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

ANNESS

It-tqassim baġitarju ta' l-għotjiet għal azzjonijiet għat-traduzzjoni u l-ittestjar ta' modulu ta' stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni

Referenza ta' Msiehba ta' Qafas	Organizzazzjoni	Magħżula/ Miċħuda	Total ta' l-ispejjeż eliġibbli (EUR)	Ammont attribwit (EUR)	% ta' l-għotja
JLS/I2007/ISEC-FPA/012	Kunsill Nazzjonali Żvediż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità	Magħżula	113 815,90	107 702,00	94,63
JLS/I2007/ISEC-FPA/020	Dipartiment ta' l-Istatistika tal-Gvern tal-Litwanja	Magħżula	39 855,87	27 899,11	70
JLS/I2007/ISEC-FPA/033	Istitut Nazzjonali ta' l-Istatistika tal-Portugall	Magħżula	133 041,32	126 389,25	95
JLS/I2007/ISEC-FPA/037	Statistika tad-Danimarka	Magħżula	160 264,87	152 250,80	95
JLS/I2007/ISEC-FPA/043	Uffiċċju ta' l-Istatistika tar-Repubblika Slovakka	Magħżula	22 115,23	19 893,11	89,95
JLS/I2007/ISEC-FPA/050	Istitut tal-Ġustizzja tal-Polonja	Magħżula	57 730,00	40 411,00	70
JLS/I2007/ISEC-FPA/051	Uffiċċju Federali ta' l-Istatistika tal-Ġermanja	Magħżula	402 615,32	281 830,72	70
JLS/I2007/ISEC-FPA/053	Statistika ta' l-Awstrija	Magħżula	120 703,15	110 703,15	91,72
JLS/I2007/ISEC-FPA/054	Istitut Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità HEUNI, il-Finlandja	Magħżula	221 149,06	210 091,60	95
JLS/I2007/ISEC-FPA/061	Ministeru għall-Intern, Katalunja	Magħżula	123 955,16	83 955,16	67,73
JLS/I2007/ISEC-FPA/079	Kunsill għar-Riċerka Kriminali tal-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Bulgarija	Magħżula	23 865,49	19 092,00	80
JLS/I2007/ISEC-FPA/083	L-Uffiċċju ta' l-Istatistika, ir-Repubblika tas-Slovenja	Magħżula	86 076,32	81 772,50	95
JLS/I2007/ISEC-FPA/087	Istitut Nazzjonali ta' l-Istatistika ISTAT, l-Italja	Magħżula	175 801,15	158 779,37	90,32
JLS/I2007/ISEC-FPA/102	Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika, il-Latvja	Magħżula	29 567,51	26 610,75	90
JLS/I2007/ISEC-FPA/103	Segretarjat ta' l-Istat għas-Sigurtà, Spanja	Magħżula	132 556,95	92 789,87	70
Total			1 843 113,30	1 540 170,39	